KUNSILL LOKALI NADUR

**Minuti tatd-disgħa (9) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**
**It-Tnejn, 2 ta' Novembru, 2015 fis-6.00 pm**

---

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Brittany Attard | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |
| *Joseph Azzopardi* | *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |

***Skużata:***

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

---

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tat-tmien (8) laqgħa, tat-Tlieta 13 ta' Ottubru 2015 tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u dikjarati bħala dokument uffiċjali.

Bħala punti mill-minuti, is-Sindku Edward Said innota:

a. Is-Sindku nnota li l-kors tal-Pilates beda u dan inqasam f'żewġ gruppi minħabba l-ammont ta' parteċipanti. Hu kompla li sejrin tajjeb anke fil-kors tal-fitness ma' Radu.
b. Is-Sindku nnota li r-rivista Ħidmietna f'Isimkom tqassmet u rċevejna kummenti pożittivi fosthom dwar il-*captions* bl-Ingliż.
c. Is-Sindku innota li għall-aħħar ħarġa tal-anzjani attendew 60 ruħ. Importanti li meta mmorru ħarġiet bħal dawn niffokaw fuq zewġ postijiet jew tlieta.
d. Is-Sindku innota li għall-Universita tat-terza eta ħadd ma applika mill-anzjani.
e. Is-Sindku nnota li għalkemm innominajna persuna ghal rikonoxximent (inizjattiva tal-V18) dan ma ġiex aċċettat mir-Reġjun għaliex, peress li kienet kommemorazzjoni, in-nomina riedet tkun fuq xi ħadd li ma għadux magħna.

**Edward Said**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**

## 3. Korrispondenza.

| | |
|---|---|
| 5383 | Invit mill-Uffiċċju Parrokkjali għall-quddiesa tal-Isqof f'ġieħ San Koronatu; diġa nfurmajnieh li ser nattendu. |
| 5384 | Memo 30/2015 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet kulturali ghall-2016. Is-Sindku nnota li rridu napplikaw għaliha bi pjan ta' tlett snin. Il-Viċi Sindku semma li nistgħu napplikaw b'attivita *people meet people* (fl-isfond tac-Charter li rridu norganizzaw fis-sena 2018). Hu kompla li għas-snin 2016 u 2017 nistgħu norganizzaw seminar u wirja u possibilment attivita relatata mal-Konvenzjoni li ser jospita l-Kunsill Lokali tal-Belt fl-2017; nistgħu nikkollegaw ukoll is-sena 2018 bħala parti mill-programm tac-Charter (dakinhar nistgħu norganizzaw attivita relatata mal-Karnival). Issemmiet ukoll li f'Novembru ta' sena oħra nistgħu norganizzaw wirja bir-ritratti dwar il-Karnival li għaliha nistgħu nitolbu l-finanzjament. Il-Viċi Sindku ser jipprepara l-bażi li biha ser nippreżentaw l-applikazzjoni tagħna li tagħlaq fil-25 ta' Novembru 2015. |
| 5385 | Kwotazzjoni ta' zewġ *stop watches* għall-Maratona mingħand Gozo Half Marathon. |
| 5386 | Kwotazzjoni mingħand Skysound Systems. |
| 5387 | Ittra mingħand the *Guiding Light Group* dwar il-presepju ħaj fix-Xaghra; il-Kunsill diga ħarġilhom in-*no objection*. |
| 5388 | Ittra mingħand Carmelo Galea & Associates dwar it-Tender tal-ilma – din ser tiġi diskussa iktar 'il quddiem. |
| 5389 | E-mail mill-Ministeru tal-Edukazzjoni dwar il-Premju Frans Sammut. |
| 5390 | Talba mill-Mużew tas-Subien għall-kollaborazzjoni magħhom għall-attivitajiet tal-Milied – il-Kunsill qabel li l-ispiza fuq dawn l-attivitajiet ma teċċedix il-500 Ewro b'kollaborazzjoni. |
| 5391 | E-mail mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bħala stedina lill-Kunsilli għall-wirjiet kulturali. |
| 5392 | Programm tal-attivita European Garden Tree Planting Event mibgħut mill-Local Government Association. |
| 5393 | Avviż mingħand *Europe Direct Information Centre* dwar l-attivita Plant a Tree li se jsir fuq l-Għolja t'Għammar nhar il-Ħamis 5 ta' Novembru fl-10.00 a.m. |
| 5394 | Ittra mingħand il-Moviment Kerygma dwar il-Premju Żagħżugħ Tas-Sena; ser ngħadduha liċ-Ċentru taż-Żgħażagħ sabiex jagħmlu n-nomina tagħhom jekk jixtiequ. |

## 4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Is-Sindku Edward Said semma xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda u l-Kunsill approva l-iskeda kollha kemm hi.

**Edward Said**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**

## 5. Żvilupp dwar l-offerta pubblika tal-provista tal-ilma f'ġonna pubbliċi u soft areas.

Is-Sindku nnota li wara li ħadna parir legali, bgħatna ittra lill-offerenti kollha fejn infurmajniehom li ser nieħdu kampjun tas-sors tal-ilma tagħhom. Din il-ġimgħa ser nagħmlu kuntatt mat-tliet offerenti. Sadattant l-kuntratt eżistenti ġie mġedded għal xahrejn oħra.

## 6. Programm ta' Jum il-Lokalita u Haloween

Haloween: Is-Sindku nnota li kellna kummenti tajbin ħafna għall-isforz li sar mill-Kunsill. Hu rringrazzja lil diversi persuni għal ħidma tagħhom. Fil-5 p.m. nhar is-Sibt li għadda, il-pjazza kienet mimlija speċjalment bit-tfal. Kien hemm qbil li sena oħra rridu nagħlqu minn ħdejn Triq Lazzru Pisani. Is-Sindku nnota li t-tined ġew kollha *sponsored*. Il-Viċi Sindku nnota li mportanti li din l-okkazjoni ma tkunx Karnival ieħor. Is-Sindku semma t-tiżjin tad-djar u anki l-kostumi li kienu tipikament tal-Haloween; hu nnota li tajjeb li nħalluh spontanju kemm jista jkun.

Jum il-Kunsill: Is-Sindku nnota li nhar il-Ġimgħa 6 ta' Novembru 2015 ġejjin is-Sindku ta' Cicciano u Nicola de Luca. Ser nipprovdulhom trasport u anki akkomodazzjoni d-Downtown. Il-Ġimgħa ser neħduhom jieklu filwaqt li s-Sibt jattendu għaċ-ċerimonja tal-għoti ta' Ġieħ in-Nadur. Dakinhar ser naghtuhom *badges* u *mementos* bħala tifsira ta' residenzi onorarji. Is-Sindku nnota wkoll li Nicholas Haber u Danica Cassar ser nagħtuhom tifkira bhala rikonoxximent tas-servizz li taw bħala ambaxxaturi taż-żgħażagħ.

Is-Sindku nnota li Marita Bigeni ttestjat il-pjanu biex fil-ftuħ tal-wirja fid-9 ta' Novembru issir mużika mit-tfal għat-tfal bil-pjanu. Dakinhar isiru diskorsi mis-Sindku, minn ufficjali tal-Inspire u anki minn Hermine Sammut.

Għall-inawgurazzjoni tal-pjazza s-Sibt 14 ta' Novembru s-*sound* ser jieħu ħsiebu Jason u d-dawl ser ikun f'idejn Sourcelite; il-preżentatur ser ikun Keith Demicoli. Għal dan il-programm Joe Chircop ser jieħu ħsieb id-diskors u anki l-organizazzjoni tal-ushers flimkien ma Paul Mercieca. Għalhekk ser issir laqgħa għalihom fl-10 ta' Novembru. Fl-aħħar tal-pogramm ser ikollna show tan-nar tal-ajru.

Ser norganizzaw maratona tal-ġiri u l-mixi nhar il- Ħadd 15 ta' Novembru 2015 wara li nattendu għall-quddiesa tal-okkazjoni; il-qliegħ minn din l-attivita jmur għal Puttinu li l-ufficjali tagħhom ser jgħinuna fl-organizazzjoni tagħha. Is-Sindku nnota li l-fjuri ser jieħu ħsiebhom Josef Camilleri u r-riċevimenti li jkollna bżonn ser jipprovdihom Raymond Vella.

**Edward Said**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**

## 7. Proġett u inawgurazzjoni tal-proġett tal-Pjazza San Pietru u San Pawl.

Is-Sindku nnota li din il-gimgħa qed isir it-tqaxxir tal-pjazza u din il-ġimgħa l-asfaltar ikun lest. Illum intlaqat main tal-ilma pero, wara spezzjonijet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, il-kuntrattur jista jkompli jaħdem. L-aġent segretarju eżekuttiv innota li din il-ġimgħa nissottomettu l-aħħar *claims* għall-finanzjament minn sorsi Ewropej. Is-Sindku nnota li l-*plinths* (madwar 60) ser jibdew jeħlu u anki t-*totems* li għadna kemm gibna approvazzjoni tal-*wording* li ser jintuza. Il-bankina tranġat u ser inpoġġu lapida tal-*stainless steel* li hi *laser cut* bid-dawl LED li ser tkun inawgurata mill-Eċċellenza Tagħha l-President u mbierka mill-Arċipriet. Is-Sindku nnota li t-toqob tal-pjazza lesti kollha. Dwar pots għall-pjazza dawn ser nikruhom minghand l-ELC għall-inawgurazzjoni tal-proġett.

## 8. Approvazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bord għall-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

L-aġent Segretarju Eżekuttiv ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Għażla għal din il-ħatra wara li saret l-intervista lill-unika applikanta nhar il-Ħamis 22 ta' Ottubru 2015 fis-6 pm. Il-Kunsill ikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla u għalhekk qabel unaniment li jirrakomanda li Sue-Ellen Bugeja tkun is-segretarju eżekuttiv tal-Kunsill. Ser nibgħatu r-rapport u d-dokumenti meħtieġa għall-approvazzjoni tal-Ministru u s-Segretarju Parlamentari.

## 9. Co-ordinator Day Centre tal-Anzjani.

Is-Sindku nnota li wara li ppublikajna avviż, kellna applikazzjoni waħda ghal din il-kariga mingħand Carmela Mifsud, ex-għalliema. Hija persuna attiva ħafna fin-Nadur u kwalifikata u għandha l-esperjenza. Il-Kunsill qabel li din tibda minn għada wara li tingħata *handover* minn Ġemma Zammit. Il-ħlas għas-servizzi tagħha jibda jkun 165 Ewro fix-xahar. Il-Kunsill qabel li nibgħatu ittra ta' ringrazzjament lil Gemma Zammit. Il-Viċi Sindku nnota li hemm bżonn li dan ic-Centru nagħmluh iktar interessanti billi jkollna iktar taħditiet. Is-Sindku nnota li kien hemm żmien meta l-anzjani jagħmlu danza tal-Karnival. Nistgħu norganizzawlhom *fitness courses* ukoll. Is-Sindku talab lill-kunsilliera Rita Mifsud biex tiltaqa ma' Lina Mifsud dwar possibilta ta' taħditiet nteressanti għall-anzjani.

## 10. Affarijiet Oħra

i. Karnival 2016: Is-Sindku nnota li għandna offerta ghall-palk li kien jintuza l-Belt u li kien qiegħed ir-Rinella. Hu kompla li diga baghatna lil Ivan Xuereb u Raymond Vella u ser jerġa jmur Raymond Vella Malta nhar l-Erbgħa flimkien ma' George Zahra biex jaraw ezatt xi spejjez hemm biex narmawh. Is-Sindku nnota li għandna niktbu lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex nieħdu permess nixtru dan il-palk direttament mingħand il-Gvern. Hu ser ikellem lis-Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo dwar dan. Is-Sindku innomina lil dawn bħala membri tas-sotto-kumitat inkarigat mill-organizazzjoni tal-Karnival li jmiss: Raymond Vella, Peter Buttigieg, Ines Buttigieg, Peter Muscat, Peter Muscat, Annette Portelli Said, Toni Ann Muscat, Rita Mifsud Attard, Joe Chircop. Paul Mercieca, Rupert

Edward Said
Sindku

Joseph Azzopardi
Agent Segretarju Ezekuttiv

Grech, Peter Demanuele, James Azzopardi, Josef Camilleri, Grace Portelli, Antonia Portelli, Sammy Buttigieg, Peter Mifsud, Marie Galea, Andrew Muscat, Charles Said, Maria Natoli, Daniela Buttigieg, Brittany Attard, Danica Cassar u Peter Paul Azzopardi. L-ewwel laqgħa ta' dan il-kumitat ser issir nhar is-Sibt 21 ta' Novembru fis-1 p.m.

ii. Milied 2015: Il-Kunsill qabel li noħorġu kwotazzjoni għad-dekorazzjoni ta' Triq Diċembru 13 u Pjazza San Pietru u San Pawl u Pjazza Martin Camilleri. Id-data tal-għeluq ser ikun nhar it-Tnejn 23 ta' Novembru. Is-Sindku qara d-dettalji speċifiċi ta' din il-kwotazzjoni fosthom il-manutenzjoni, spejjez ta' permessi, V.A.T, kiri ta' cherry pickers eċċ.

iii. Is-Sindku nnota li l-*open-market* ser isir nhar il-Tlieta 8 ta' Dicembru filwaqt li l-għada 9 ta' Diċembru 2015 ma jarmawx.

iv. Is-Sindku qara rapport minn Shaun Azzopardi f'isem iz-zgħazagħ dwar iz-zjara tagħhom tac-Charter fl-Ungerija bejn il-15 u t-18 ta' Ottubru 2015. Il-Viċi Sindku għandu jkellem lil Peter Ray Said biex jipprepara rapport dwar iż-żjara li saret f'Hempstedt f'Settembru li għadda.

v. L-aġent segretarju eżekuttiv innota li l-*accountant* Michelle Grima qed taghmel tajjeb ix-xoghol taghha. Il-Kunsill qabel li nġeddu s-servizzi tagħha għall-perjodu ta' tlett xhur ohra.

vi. L-aġent segretarju eżekuttiv innota li ntalab jaghti xi nformazzjoni mid-Dipartiment dwar l-iskedi tal-pagamenti 2012 – 2014. Il-Kunsill qabel li dawn il-minuti flimkien ma' dawk ta' din is-sena jitranġaw biex jindikaw jekk il-ħlasijiet li saru kienux *direct orders*, kwotazzjonijiet jew *tenders.*

**11. Data għall-laqgħa oħra**

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 p.m.

Il-Kunsill qabel li laqgħa ohra ssir nħar il-Ħamis 3 ta' Diċembru 2015 fil-5.30 p.m.

**Edward Said**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Agent Segretarju Ezekuttiv**

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 9**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**
**Data: 12.10.15 - 02.11.15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Josephine Portelli | €25.00 | €25.00 | | Refund for Pilates Classes | 26-10-15 | | 14255 |
| 2 | Commissioner of Police | €59.00 | €59.00 | | Barriers | 26-10-15 | | 14256 |
| 3 | Fr. J.Cardona | €8.84 | €8.84 | | Refund for skip permit | 16-10-15 | | 14257 |
| 4 | Edward Said | €440.36 | €440.36 | | Mayor's allowance | 28-10-15 | | 14258 |
| 5 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 28-10-15 | | 14259 |
| 6 | Skrivan Skala 15 | €987.60 | €987.60 | | Salary - October | 28-10-15 | | 14260 |
| 7 | Haddiem skala 14 | €1,123.95 | €1,123.95 | | salary - October | 28-10-15 | | 14261 |
| 8 | Peter Paul Said | €960.00 | €960.00 | | Hire of van | 30-06-15 | 4283 | 14262 |
| 9 | Nadur Local Council | €8,550.00 | €8,550.00 | | Transfer to Measure 413 | 31-10-15 | | 14263 |
| 10 | D.O.I. | €9.32 | €9.32 | | Advert | 11-03-15 | | 14264 |
| 11 | Anthony Azzopardi | €66.00 | €66.00 | | Distribution of flyers | 03-11-15 | | 14265 |
| 12 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 03-11-15 | | 14266 |
| 13 | Vassallo Jewellers | €52.00 | €52.00 | | 2 Plaques including engraving | 20-10-15 | 10204345 | 14267 |
| 14 | Peter Paul Said | €245.63 | €245.63 | | Hire of van | 20-10-15 | 4376 | 14268 |
| 15 | Peter Paul Said | €64.90 | €64.90 | | 11 sacs tarmac | 21-10-15 | 4380 | 14269 |
| 16 | Peter Paul Said | €1,880.00 | €1,880.00 | | Skips - September | 21-10-15 | 4383 | 14270 |
| 17 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 21-10-15 | | 14271 |
| 18 | Peter Paul Said | €1,093.95 | €1,093.95 | | Tax-Xini - cement | 21-10-15 | 4379 | 14272 |
| 19 | Mnarja Band Club | €100.00 | €100.00 | | Preludio all'Opera | 17-10-15 | 802 | 14273 |
| 20 | Portelli Print | €498.75 | €498.75 | | Newsletter | 19-10-15 | 1056 | 14274 |
| | **Total** | **€16,165.30** | **€16,165.30** | | | | | |

Sindku ______________________ Segretarju Ezekuttiv ______________________

Kunsillier ______________________ Kunsillier ______________________

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 9**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 12.10.15 - 02.11.15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Portelli Print | €99.12 | €99.12 | | Invitations and Posters | 12-10-15 | 1053 | 14275 |
| 22 | MITA | €416.85 | €416.85 | | Provision, maintenance and support of wide area connectivity | 21-10-15 | SIN033068 | 14276 |
| 23 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 21-10-15 | | 14277 |
| 24 | Gatt Tarmac Ltd. | €338.00 | €338.00 | | Supply of Cold Asphalt | 09-09-15 | 1554 | 14278 |
| 25 | WasteServ | €2,125.42 | €2,125.42 | | MSW - September | 01-10-15 | 60381 | 14279 |
| 26 | WasteServ | €2,383.60 | €2,383.60 | | MSW - October | 01-09-15 | 09-Apr | 14280 |
| 27 | Nicholas Zammit | €170.00 | €170.00 | | Service rendered in September | 01-10-15 | 2132015 | 14281 |
| 28 | Bjorn Vella | €200.00 | €200.00 | | P.A.System and light | 19-09-15 | 09-Aug | 14282 |
| 29 | Ian Vella | €200.00 | €200.00 | | Delicata wine Festival | 15-10-15 | | 14283 |
| 30 | Smart Office Supplies Ltd. | €34.81 | €34.81 | | Stationery | 13-10-15 | 29146 | 14284 |
| 31 | Smart Office Supplies Ltd. | €114.40 | €114.40 | | Stationery | 30-09-15 | 28669 | 14285 |
| 32 | Enemalta Plc | €546.47 | €546.47 | | Temporary meter appliation | 13-10-15 | | 14286 |
| 33 | Charlie Camilleri | €51.00 | €51.00 | | 3 momento Cicciano | 19/0/15 | 123 | 14287 |
| 34 | Robert Coaches | €354.00 | €354.00 | | Harga anzjani - Malta | 24-09-15 | 166 | 14288 |
| 35 | James Azzopardi | €49.50 | €49.50 | | Fabric for Halloween | 29-10-15 | | 14289 |
| 36 | J&J Zammit Supplies | €54.60 | €54.60 | | 78kg pumpkins for Halloween | 27-10-15 | 15667 | 14290 |
| 37 | Francis Caruana Ltd. | €77.03 | €77.03 | | Seretizzi | 28-10-15 | 62620 | 14291 |
| 38 | Guard & Warden service house | €35.40 | €35.40 | | Warden Service for Nadur 8K | 29-10-15 | | 14292 |
| 39 | Smart Office Supplies Ltd. | €88.44 | €88.44 | | stationery | 19-10-15 | 29466 | 14293 |
| 40 | Horace Enterprises Ltd. | €530.00 | €530.00 | | Trophies | 27-10-15 | 5875 | 14294 |
| | | **€7,868.64** | **€7,868.64** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€16,165.30** | **€16,165.30** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€24,033.94** | **€24,033.94** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Nadur**

**Skeda Numru 9**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Horace Enterprises Ltd. | €121.00 | €121.00 | | Trophies | 27-10-15 | Feb-16 | 14295 |
| 42 | Techline | €332.01 | €332.01 | | Lenovo Laptop | 19-10-15 | 7476 | 14296 |
| 43 | Anthony Magro | €72.25 | €72.25 | | General Hand October | 03-11-15 | | 14297 |
| 44 | R.A.& Sons Man. Ltd. | €57.58 | €57.58 | | Kurdfuna | 06-10-15 | 19074 | 14298 |
| 45 | Frank Said | €95.00 | €95.00 | | Goods related to Halloween | 31-10-15 | | 14299 |
| 46 | St.Peter Paul Store | €4.00 | €4.00 | | Goods related to Halloween | 31-10-15 | | 14300 |
| 47 | Mary Attard | €98.55 | €98.55 | | Librarian October | 31-10-15 | | 14301 |
| 48 | Joseph azzopardi | €1,106.30 | €1,106.30 | | October | 31-10-15 | | 14302 |
| 49 | Rupert Grech | €21.00 | €21.00 | | Halloween decorations | 31-10-15 | | 14303 |
| 50 | R.A.& Sons Ltd. | €17.12 | €17.12 | | Yellow tiles | 09-10-15 | 18901 | 14304 |
| 51 | VOID | VOID | VOID | | | 03-11-15 | | 14305 |
| 52 | Robert Grech | €1,564.29 | €1,564.28 | | Architectf and Project Management Fees | 30-10-15 | 236/1074-16 | 14306 |
| 53 | Matthew Xuereb | €234.09 | €234.09 | | General Hand October | 30-10-15 | | 14307 |
| 54 | CIR | €929.88 | €929.88 | | FS5 - October | 30-10-15 | | 14308 |
| 55 | Josef Camilleri | €95.85 | €95.85 | | Halloween Decorations | 21-10-15 | | 14309 |
| 56 | Peter paul Said | €297.36 | €297.36 | | Hire of machinery - San Blas | 28-10-15 | 4381 | 14310 |
| 57 | John Ivan Xuereb | €1,342.66 | €1,342.66 | | General hand - October | 04-11-15 | | 14311 |
| 58 | Maltapost | €23.40 | €23.40 | | Stamps | 05-11-15 | | 14312 |
| 59 | Peter Paul Said | €405.33 | €405.33 | | Hire of machinery | 21-10-15 | 4382 | 14313 |
| 60 | Robert Grech | €1,742.46 | €1,742.46 | | Architectf & Project Management fees | 30-10-15 | 236/1074-17 | 14314 |
| | **Sub total** | **€8,560.13** | **€8,560.12** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€24,033.94** | **€24,033.94** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€32,594.07** | **€32,594.06** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru 9

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
Data:

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Joseph Azzopardi | €235.00 | €235.00 | | reimbursement | 11-11-15 | | 14315 |
| 62 | Eucharist Camilleri | €235.00 | €235.00 | | reimbursement | 11-11-15 | | 14316 |
| 63 | Peter Ray Said | €235.00 | €235.00 | | reimbursement | 11-11-15 | | 14317 |
| 63 | Darryl Portelli | €235.00 | €235.00 | | reimbursement | 11-11-15 | | 14318 |
| 64 | The gozo Wind Youth Band | €1,100.00 | €1,100.00 | | Concert for nadur Square opening | 14-11-15 | | 14319 |
| 65 | Jean Paul Zerafa | €1,062.00 | €1,062.00 | | Transport and rental of music equipment | 14-11-15 | | 14320 |
| 66 | Nadur Local Council | €2,400.00 | €2,400.00 | | Transfer | 13-11-15 | | 14321 |
| 67 | Frances Camilleri | €17.50 | €17.50 | | reimbursement for Pilates Classes | 16-11-15 | | 14322 |
| 68 | Jahel Bartolo | €17.50 | €17.50 | | reimbursement for Pilates Classes | 17-11-15 | | 14323 |
| 69 | Compass Group Ltd. | €166.50 | €166.50 | | Insurance | 17-11-15 | | 14324 |
| 70 | D.O.I. | €9.32 | €9.32 | | Advert | 18-11-15 | | 14325 |
| 71 | Fliegu Bar & Restaurant | €119.40 | €119.40 | | Cicciano Dinner | 06-11-15 | | 14326 |
| 72 | Chritine Refalo | €22.50 | €22.50 | | reimbursement for Fitness Classes | 23-11-15 | | 14327 |
| 73 | Mario Vella | €120.00 | €120.00 | | use of house for Halloween and Square inauguration | 23-11-15 | | 14328 |
| 74 | Josef Said | €50.00 | €50.00 | | use of garage for Halloween | 24-11-15 | | 14329 |
| 75 | Peter Paul Said | €30.00 | €30.00 | | wathcment services during Square inauguration | 23-11-15 | | 14330 |
| 76 | Edward Said | €440.36 | €440.36 | | mayor's allowance for November 2015 | 24-11-15 | | 14331 |
| 77 | Claire Hili | €979.18 | €979.18 | | salary for November 2015 | 24-11-15 | | 14332 |
| 78 | Saviour Sciberras | €1,231.62 | €1,231.62 | | salary for November 2015 | 24-11-15 | | 14333 |
| | | | | | | | | |
| | **Sub total** | **€8,705.88** | **€8,705.88** | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€32,594.07** | **€32,594.06** | | | | | |
| | **Total** | **€41,299.95** | **€41,299.94** | | | | | |

Sindku

Segretarju Ezekuttiv